MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2877/2002

**Sergio Sciberras**

**Vs**

**Charles Azzopardi**

**It-Tribunal**

Wara li ra l-avviz ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm709.82c (sebgha mija u disgha liri Maltin u tnejn u tmenin centemzi) rappresentanti diversi prodotti tal-hasil u ta' l-ikel u merkanzija ohra mibjugha w konsejata lilu bl-ingrossa, kif jirrizulta mid-dokumenti annessi (Dok A, B u C).

Minkejja li gie nterpellat b' ittra ufficjali fit- 22 ta' Frar, 2002 il-konvenut baqa' nadempjenti. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

Bl-imghax kummercjali mid-data ta' meta gie kostitwit id-dejn.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma pprezentax risposta.

Sema' lill-Avv. Dr. Kevin Deguara jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadhu dovut.

Jiddeciedi billi jilqa' it-talbiet attrici u jikkundannah ihallas is-somma ta' seba' mija u disgha Liri  Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm709.82) bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba.

--------------------------------TMIEM--------------------------------